# TRADUTTUR TAL-AQWA LETTERATURA



Isem li jispikka fit-traduzzjoni mill-aqwa ta' Dante hu bla dubju ta' xejn ALFRED PALMA. Fi żmien 20 sena, hu rnexxielu jittraduċi *La Divina Commedia*, li qoromha kemm mill-għażla tal-kliem kif ukoll mill-għadd ta' sillabi li fiha. Qablu kien hemm oħrajn li ttantaw u ttraduċew partijiet minnha. Imbagħad Erin Serracino Inglott ippubblika biss *L-Infern*. Iżda bla dubju, it-traduzzjoni ta' Alfred Palma hi l-aktar traduzzjoni fidila kemm għall-Malti użat kif ukoll għar-ritmika. Minbarra dan, Alfred irnexxielu wkoll jittraduċi xogħlijiet ta' Oscar Wilde u ta' William Shakespeare, li fosthom insibu *Macbeth*, *Romeo u Ġuljetta*, *Il-Merkant ta' Venezja*, *Il-Kummiedja tal-Iżbalji*, *Hekk kif Jogħġbok*, *L-Imqarba Mmansata*, *It-Tempesta* u *Hamlet*. Issa għadu kif ippubblika wkoll *Otello*, tal-istess drammaturgu. Illum, se nsiru nafu aktar lil Alfred Palma.

Minn **CHARLES B. SPITERI**

**Alfred, tista' tagħtina ftit dettalji tat-tfulija tiegħek?**

Jien twelidt fit-8 ta' Settembru 1939 fl-Isptar Ċentrali tal-Furjana (illum id-Depot tal-Pulizija), iżda jien Żabbari sa ruħ ommi! Tfuliti kienet waħda hienja, normali, imqarba u kollha praspar.

**Bħala edukazzjoni, f'liema skejjel attendejt, u liema suġġett kien l-aktar għal qalbek?**

Studjajt fl-iskola Primarja ta' Ħaż-Żabbar u wara fil-Kulleġġ De La Salle, il-Kottonera. Is-suġġetti l-aktar għal qalbi kienu l-Malti, l-Ingliż, it-Taljan u l-Franċiż.

Wara li temmejt l-iskola, fl-1957, dħalt emergency teacher, fejn domt sal-1959, meta sirt skrivan u bdejt naħdem fid-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali. Iżda ħajti diġà kienet ilha s-snin maħkuma minn tliet allat nisa: il-Mużika, il-Letteratura u l-Pittura. It-tlieta kienu inerenti fija: il-kotba ta' *Ġabra ta' Ward* ta' E.B. Vella xegħlu fija l-poeżija; ir-Rediffusion xegħel fija l-imħabba għall-Opri u l-mużika klassika; Chopin, Beethoven u Brahms u kompożituri kbar oħrajn saħħruni u tgħallimt indoqq il-pjanu waħdi; u niftakar li ta' 10 snin kont irbaħt ktieb bħala premju fi Standard II tal-Iskola tal-Gvern, wara li pinġejt *The Little Matchgirl* ta' Hans Christian Andersen.

Fl-1987 irtirajt mix-xogħol minħabba raġunijiet personali u bdejt naqdi lit-tliet allat nisa full-time. Sa mis-sittinijiet diġà kont bdejt nikteb bosta poeżiji u drammi għar-Rediffusion. Imbagħad bdiet il-ġrajja fatidika tad-*Divina Commedia* li bdejt nittraduċi fl-1966 u temmjet fl-1986. Warajha dmiri lejn id-drammi ta' Shakespeare u wara Wilde, Lawrence, Mann, Voltaire, għadd ta' rumanzi u kotba oħrajn ta' suġġetti differenti, fosthom bosta kotba soċjopsikoloġiċi li ġew ippubblikati fl-Ingilterra u l-Kanada.

**Jidher li int ammiratur kbir tad-drammi u d-drammaturgi. Kif nibtet fik din l-imħabba?**

Bdiet fil-Kulleġġ De La Salle, meta ltqajt l-ewwel darba ma' William Shakespeare, fejn kelli l-*Merkant ta' Venezja* għall-GCE.

**X'wasslek biex għall-ewwel xogħol ta' traduzzjoni tiegħek għażilt id-*Divina Commedia*?**

Ir-raġuni kienet li Dante kien isaħħarni u d-*Divina Commedia* ossessjonatni sa minn meta bdejt nistudjaha ma' Dun Frans Buhagiar, l-għalliem tiegħi tat-Taljan, f'Form III.

Kif għidtlek, Charles, id-*Divina Commedia* saħħritni sa minn meta, fil-Kulleġġ De La Salle, bdejna nitgħallmuha f'verżjoni prożajka b'terżini mill-oriġinal, mill-ktieb ta' Tito Casini *Per loco eterno*. Jien dejjem kont nixxennaq naqleb għall-Malti xi vers 'l hemm u 'l hawn minnha, u wara li temmejt l-iskola u qbadt naħdem, bdejt nistħarreġ jekk il-Commedia kinitx inqalbet bil-Malti.

Skoprejt li kienu bdew isiru attentati mill-1864, iżda dawn kienu ġeneralment addattamenti fi proża u/jew passaġġi qosra. Fl-1964 Erin Serracino Inglott ippubblika *L-Infern*, traduzzjoni tajba ħafna, iżda ma kinitx irrimata. U, minkejja li kont xtrajt kopja, dan il-fatt iddiżappuntani. Sadattant, kienet ġriet ix-xniegħa li Erin kien lesta wkoll *Il-Purgatorju u L-Ġenna*; iżda minkejja kollox dawn qatt ma dehru!

Dan kollu kebbes fija l-ħeġġa li nittanta nagħmel traduzzjoni jien. U nirrimaha! Kelli biss 26 sena, u kont maħkum minn ħeġġa stramba li ma stajtx nikkontrolla. Komplejt inħażżeż xi vers 'l hemm u 'l hawn...

Kif għidtlek, fl-1959 bdejt naħdem fid-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali, u fl-1966 kont għadni naħdem fl-uffiċċju distrettwali ta' Ħaż-Żabbar. Dak iż-żmien konna nirreġistraw lin-nies il-Ħamis, u l-Ġimgħa nħallsuhom ir-relief. Mela Ħamis minnhom wieħed mir-reġistranti, ċertu Toni Gatt ġie bi ktieb daqs missal taħt driegħu. Kienet id-*Divina Commedia* ta' Eugenio Camerini (1800) bl-inċiżjonijiet ta' Gustave Dorè. Toni qalli li kienu tawhielu l-eredi ta' qassis biex ibiegħuha. (Wara sirt naf li dan il-qassis kien il-politiku Mons Enrico Panzavecchia!) Toni talabni 3 liri Maltin u rajthom wisq.

L-għada ġie għar-relief bil-ktieb f'idu u qalli li kienu ħallewhuli nofs lira! Xtrajtu u ħadtu d-dar, ferħan għall-aħħar. Iżda dlonk skoprejt li xi 12 mill-inċiżjonijiet li kellu fih kienu nqalgħu mill-ktieb biex isiru nkwatri. Dlonk tlift l-entużjażmu kollu u l-ktieb tfajtu f'armarju li kelli f'kamarti.

Mela jgħaddu xi tliet ġimgħat u Ħadd minnhom filgħodu, wara l-quddiesa tad-disgħa, iltqajt ma' ħabib tiegħi anzjan, ċertu Karmenu Balzan, li qalli li l-Birgu kienu waqqgħu dar qadima u fiha kien hemm bosta kotba, faxxikli u x'naf jien. Staqsieni rridx iġibli xi ħaġa u għidtlu iva. U l-għada narah ġej b'romblu daqsxiex ta' faxxikli sofor biż-żmien. Kienu faxxikli mill-*Paradise Lost* ta' Milton u mid-*Divina Commedia*, l-istess edizzjoni tal-1800 ta' Camerini li kont xtrajt jien, u fost dawk il-faxxikli nsib l-inċiżjonijiet kollha li kelli neqsin! Bilġri nfilsajt l-inċiżjonijiet li kelli neqsin f'posthom u issa kelli l-opra kollha komplhuta!

Mill-ġdid imtlejt b'ħeġġa kbira u fis-sajf tal-1966 bdejt it-traduzzjoni bis-serjetà. Biex inserraħ rasi dwar dak li kont qed nagħmel, bgħatt xi siltiet lil Bro. Henry SFC u lil Dottor Ġorġ Zammit għall-fehma tagħhom. It-tnejn inkoraġġewni bilkbir u Dr Zammit, f'ittra li bagħatli u li għadni ngħożż, qalli: "Kompli; fik nara bniedem li kapaċi tagħtina dan ix-xogħol." U dawk il-kelmiet xeħtuni għalkollox fuq it-triq iebsa li dak iż-żmien ma kontx nobsor kemm kienet se tkun twila u qalila.

Fil-bidu tas-snin 70 lestejt *L-Infern* u bdejt ngħarbel *Il-Purgatorju*. U ftit ftit bdejt naqta' qalbi. Iżda d-Destin (reġa') ħasibha mod ieħor. Mela għodwa minnhom inkun il-Belt u fi Triq Nofsinhar niltaqa' ma' Mikiel Spiteri (Kilin) li, b'ton pjuttost sarkastiku, staqsieni fiex kont wasalt fit-traduzzjoni. Għidtlu li kont għad-

**"Wara li temmejt l-iskola, fl-1957, dħalt emergency teacher, fejn domt sal-1959, meta sirt skrivan u bdejt naħdem fid-Dipartiment tal-Għajnuna Soċjali. Iżda ħajti diġà kienet ilha s-snin maħkuma minn tliet allat nisa: il-Mużika, il-Letteratura u l-Pittura**

bu li bih se nkunu qed insolvu l-isfidi kollha li għad għandna quddiemna.

Irridu nħarsu iktar fit-tul mill-elezzjoni ġenerali li jmiss, u nkunu proattivi għall-bidliet soċjali, u mhux reattivi. Il-kmiem se jibqgħu mxammra. Flimkien ma' din il-bidla kostituzzjonali, irrid nara ħidma lejn iktar nisa fl-ogħla livelli tal-partiti politiċi. Il-Partit Laburista dan ix-xogħol diġà bdieh bil-programm LEAD.

Irrid nara aktar ħidma biex niġġieldu l-mentalità li żżomm lill-mara lura, jew li tħares lejha daqslikieku kienet inqas mir-raġel, u nħeġġeġ lill-professjonisti fil-midja biex jaħdmu għal iktar viżibilità tal-mara minn kull qasam tal-ħajja.

**X'taħseb fuq kritika li ssir li n-nisa jistgħu xorta joħorġu għall-politika imbagħad sta għall-poplu biex jeleġġihom?**

Ir-realtà hi li s-soċjetà timponi li l-mara trid għal xi raġuni jew oħra tipprova lilha nnifisha qabel ma nagħtuha ċ-ċans. B'hekk, permezz ta' dan l-Abbozz se nkunu qed nagħtu ċ-ċans lin-nisa juru l-kapaċitajiet tagħhom u b'hekk se nkomplu niġġieldu l-mentalità patrijarkali li ilha taħkem lis-soċjetà tagħna għal snin twal.

**Kif ninsabu fl-istatistika meta kkumparati ma' pajjiżi oħra Ewropej?**

Ngħixu f'dinja fejn minn 193 pajjiż, huma biss madwar 20% mmexxija min-nisa. Waħidhom, dawn diġà huma figuri li jinkwetawni. Ninkwieta iktar meta nara li bħala pajjiż ir-rappreżentanza femminili tagħna hi waħda baxxa ħafna.

Fl-Ewropa skont ir-Rapport tal-EIGE, l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, huma Ċipru u l-Ungerija li għandhom anqas rappreżentanza femminili minna. Jien irrid nara lil pajjiżna fost l-aqwa pajjiżi fid-dinja, fost pajjiżi li bil-fatti, jemmnu u jaħdmu għal soċjetà iktar ugwali.

**Inti personali, kellek diffikultà biex tagħmel pass u tidħol fil-politika? X'kienu l-opportunitajiet li ltqajt magħhom jew bibien magħluqa? U kif b'determinazzjoni wasalt fejn wasalt illum?**

Li kieku ma kienx hemm min emmen fija u tani opportunità wisq probabbli ma kont qatt nikkontesta u saħansitra niġi eletta. Niftakar kif kien proprju l-Eks Prim Ministru Joseph Muscat li emmen fil-kapaċitajiet tiegħi u ħeġġiġni nikkontesta l-elezzjoni għal Kunsill Lokali. Suċċessivament il-Partit Laburista, lejlet l-ewwel elezzjoni tiegħi, bagħatni nirrapreżentah fuq programm televiżiv segwit immens u hemmhekk il-poplu seta' jiġġudika l-prestazzjoni tiegħi.

L-ambjent politiku mhuwiex xi wieħed faċli biex taħdem fih speċjalment għalina n-nisa. Personalment, it-tragward tiegħi fil-politika ma kienx wieħed faċli, mhux biss għax jien mara, iżda għax dak iż-żmien kont relattivament ta' età żgħira, l-iżgħar sindku mara qatt eletta f'pajjiżna. Dawn iż-żewġ fatturi kkombinati flimkien kienu jitfgħu pressjoni fuqi biex nuri l-kapaċitajiet tiegħi speċjalment fejn jidħlu oqsma assoċjati mal-irġiel bħal pereżempju l-infrastruttura. Mhux l-ewwel darba kienu jgħiduli "inti ma tifhimx", "inti għadek żgħira".

Ħafna mid-drabi, mara fil-politika tesperjenza wkoll tgħajjir u kliem sessist li dan bla dubju ma jgħinx – u hawn nibqa' nsostni li l-ebda mara m'għandha taċċetta dan it-tip ta' diskors u aġir. Kien proprju għalhekk li ddeċidejt li niftaħ żewġ libelli kontra persuni li użaw kliem ta' dan it-tip fil-konfront tiegħi, liema libelli rbaħthom.

Għalija kien dejjem ta' kuraġġ u motivazzjoni l-fatt illi bil-ħidma tiegħi qiegħda b'mod konkret intejjeb il-ħajja tan-nies. Bħala Sindku fuq livell lokali u bħala Segretarju Parlamentari fuq livell nazzjonali permezz ta' liġijiet u riformi storiċi li qegħdin ibiddlu wiċċ pajjiżna.

**Kif se tkun qed tissaħħaħ id-demokrazija ta' pajjiżna?**

Din mhijiex kwistjoni ta' numri għalina. Ma rridux iktar nisa sempliċiment biex nilħqu persentaġġ, niċċelebrawh u nieqfu hemm. Dan hu biss pass importanti biex nibnu demokrazija iktar sostenibbli.

Il-punt li jkollna iktar nisa fil-Parlament imur lil hinn minn kwistjonijiet direttament relatati mal-mara. Bħala nisa, ma nistgħux inħallu lilna nfusna niġu mitfugħa f'kantuniera, u nitkellmu biss fuq 'is-suġġetti tan-nisa', kif iħobbu jgħidulna. Dawk huma importanti, iva, u konvinta li b'iktar nisa, se nimxu 'l quddiem fejn jidħlu suġġetti direttament relatati man-nisa.

Iżda l-perspettiva femminili daqstant ieħor hi importanti f'oqsma oħra. Ir-riċerka turina li meta n-nisa jingħataw portafolli li tradizzjonalment huma kkunsidrati maskili, il-proposti u miżuri li jressqu jkunu iktar inklussivi u wesgħin. B'hekk nemmen li din ir-riforma se tkun qed twassal għal demokrazija aktar sostenibbli li taċċerta rappreżentazzjoni aħjar.

# SKEDA ONE

**TNEJN 25-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 12:45 | Telebejgħ | 19:15 | ONE Sports & Temp |
| 07:30 | ONE News | 13:00 | Kalamita | 19:30 | ONE News |
| 07:45 | Duurella | 15:30 | ONE News | 20:10 | Prime Time |
| 08:00 | Quddiesa tal-jum | 15:35 | Ieqaf 20 Minuta | 20:30 | Reboot |
| 08:30 | Step Up | 16:00 | Telebejgħ | 21:15 | Follow Up |
| 08:45 | Pjazza | 16:15 | Prime time Preview | 22:15 | Stejjer wara t-Tmienja |
| 09:30 | Telebejgħ | 16:30 | Duurella | 22:50 | Music Legends |
| 10:00 | Espresso | 16:45 | Mhux kemm taf | 23:30 | ONE News |
| 12:30 | ONE News | 17:30 | Flimkien ma' Nancy | | |
| 12:40 | Teftif | 18:30 | Pjazza | | |

**TLIETA 26-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 12:30 | ONE News | 17:30 | Dak li Jgħodd |
| 07:30 | ONE News | 12:40 | Teftif | 18:30 | Pjazza |
| 07:45 | Duurella | 12:45 | Telebejgħ | 19:15 | ONE Sports & Temp |
| 08:00 | Il-Quddiesa tal-jum | 13:00 | Kalamita | 19:30 | ONE News |
| | | 15:30 | ONE News | 20:15 | Prime Time |
| 08:30 | Step Up | 15:35 | Ieqaf 20 Minuta | 20:35 | Gladiator |
| 08:45 | Pjazza | 16:00 | Telebejgħ | 22:00 | Distintivi |
| 09:30 | Telebejgħ | 16:15 | Prime time Preview | 23:00 | Ondroad |
| 10:00 | Espresso | 16:30 | Follow Up | 23:30 | ONE News |

**ERBGĦA 27-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 12:45 | Telebejgħ | 19:15 | ONE Sports & Temp |
| 07:30 | ONE News | 13:00 | Kalamita | | |
| 07:45 | Duurella | 15:30 | ONE News | | |
| 08:00 | Quddiesa tal-jum | 15:35 | Ieqaf 20 Minuta | 19:30 | ONE News |
| 08:30 | Step Up | 16:00 | Telebejgħ | 20:10 | PrimeTime |
| 08:45 | Pjazza | 16:15 | Prime Time Preview | 20:30 | The Local Traveller |
| 09:30 | Telebejgħ | 16:30 | Duurella | 21:00 | Division 7 |
| 10:00 | Espresso | 16:45 | Pink Panther | 22:30 | Reboot |
| 12:30 | ONE News | 17:30 | #Pajjiżi | 23:30 | ONE News |
| 12:40 | Teftif | 18:30 | Pjazza | | |

**ĦAMIS 28-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 12:40 | Teftif | 18:00 | Mhux kemm taf |
| 07:30 | ONE News | 12:45 | Telebejgħ | 18:30 | Pjazza |
| 07:45 | Duurella | 13:00 | Kalamita | 19:15 | ONE Sports & Temp |
| 08:00 | Il-Quddiesa tal-jum | 15:30 | ONE News | 19:30 | ONE News |
| | | 15:35 | Ieqaf 20 Minuta | 20:10 | Prime Time |
| 08:30 | Step Up | 16:00 | Telebejgħ | 20:30 | Twenty One |
| 08:45 | Pjazza | 16:15 | Prime Time Preview | 21:05 | Ilsien in-Nisa |
| 09:30 | Telebejgħ | 16:30 | Żona Sport | 22:40 | Ondroad |
| 10:00 | Espresso | 17:00 | Popcorn | 23:24 | Teżori |
| 12:30 | ONE News | 17:35 | Ħabrikt | 23:30 | ONE News |

**ĠIMGĦA 29-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 13:15 | ONE News | 18:30 | Pjazza |
| 07:30 | ONE News | 13:20 | Kalamita | 19:15 | ONE Sports & Temp |
| 07:45 | Duurella | 15:30 | ONE News | | |
| 08:00 | Quddiesa tal-jum | 15:35 | Kalamita | | |
| 08:30 | Step Up | 15:55 | Telebejgħ | 19:30 | ONE News |
| 08:45 | Pjazza | 16:15 | Telebejgħ | 20:15 | Prime Time |
| 09:30 | Telebejgħ | 16:30 | Prime Time Preview | 20:35 | Kick OFF |
| 10:00 | Espresso | 16:45 | Duurella | 21:30 | Maratona Missjoni |
| 12:30 | Press Conference: Covid-19 | 17:00 | Maratona Missjoni | 23:30 | ONE News |
| | | 17:30 | Indhouse | 23:45 | Night Transmission |

**SIBT 30-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 11:50 | Telebejgħ | 19:15 | ONE Sports & Temp |
| 07:30 | ONE News | 12:30 | ONE News | 19:30 | ONE News |
| 07:45 | Duurella | 12:40 | Maratona Missjoni | 20:10 | Ieqaf 20 Minuta |
| 08:00 | Il-Quddiesa tal-jum | 15:30 | ONE News | 20:30 | Maratona Missjoni |
| | | 15:35 | Maratona Missjoni | 23:30 | ONE News |
| 08:30 | Step Up | 17:30 | Il-Kelma | 23:45 | Night Transmission |
| 08:45 | Better Living | 18:00 | Pink Panther | | |
| 09:45 | Maratona Missjoni | 18:40 | Ondroad | | |

**ĦADD 31-01**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07:15 | ONE News | 12:35 | Maratona Missjoni | | |
| 07:30 | ONE News | 15:30 | ONE News | 20:30 | Attività Politika |
| 07:45 | Duurella | 15:35 | Maratona Missjoni | | |
| 08:00 | Il-Quddiesa tal-jum | 16:15 | Gladiator | 21:15 | Maratona Missjoni |
| 08:40 | Paper Scan | 17:30 | L-Argument | | |
| 10:30 | Attività Politika | 19:15 | ONE Sports & Temp | 23:30 | ONE News |
| 11:55 | Telebejgħ | 19:30 | ONE News | 23:45 | Night Transmission |
| 12:30 | ONE News | 20:10 | Ieqaf 20 Minuta | | |